# Peprina

==============================================================

Recta-Muzikali ghat-tfal miktuba minn

Trevor Zahra

==============================================================

Jiehdu sehem:

PEPRINA (tifla)________________________________________________

OMMHA__________________________________________________________

SMINA (qattusa)________________________________________________

IL-LUPU________________________________________________________

ZUNZAN (ragel)_________________________________________________

ZUNZANA (mara)_________________________________________________

IN-NANNA_______________________________________________________

FJURI (xi sitta jew aktar):

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**L-EWWEL ATT**

Tohrog SMINA - Tindirizza lill-udjenza waqt li thares 'il gewwa.

**Smina:** Omm Peprina qed tpoggi l-hobz gol-goffa... qed tpoggi l-gamm... bicca kejk... bicca torta... (tilghaq xofftejha bl-aptit) emmm... torta tal-hut.... u flixkun halib ukoll! U tafu xi jfisser dan kollu? Ifisser li se tibghat lil Peprina biex tiehu dak l-ikel kollu lin-Nanna. U lili... imsejkna qattusa maghluba jaghtuni biss ix-xewk tal-hut! Tassew kulhadd xortih fid-dinja! Ara n-Nanna x'tambih dak l-ikel kollu! Dak jista' jaghmlilha indigestjoni... jiqfilha fuq l-istonku... jew idurilha ma' qalbha! X'kull wahda wkoll! Skuzawni... lanqas introducejt ruhi maghkom. Jiena jisimni "Smina"... il-qattusa ta' Peprina.
Insomma... ma nafx l-ghaliex semmewni Smina... ghax qatt ma jaghtuni niekol bizzejjed. Il-bierah tafu x'tawni niekol? Skutella halib, skutella ohra minn dak l-ikel tal-pakkett, fethuli bott kavalli tat-"ten cents", platt "porridge", ftit spagetti minn tal-bierah, hobz bil-bovril u kwart perzut. Dak kollox! U ghal fil-ghaxija hallewni bil-guh.
(Taghti titwila ohra 'l gewwa) Eh.. hemm int, poggitilha borza laring ukoll. X'wahda din kemm hawn min hu zaqqieq! Ara... riesqa lil hawn. Jaqbilli ndabbar rasi.

SMINA tidhol 'il gewwa - tohrog l-OMM

**Omm:** Peprina... fejn int? Isma' ftit 'l hawn.

Tohrog PEPRINA

**Peprina:** Hawn Ma'... sejjahtli?

**Omm:** Iva ruhi... hawn ara lestejt l-ikel ghan-Nanna...

**Peprina:** Kif inhi, Ma?

**Omm:** Insomma... dal-ghodu rajtha ahjar milli kienet il-bierah; imma dak ir-rih li ghandha m'hemmx li jfittex ighaddilha. Hu pacenzja u mur hudilha l-ikel inti, ghax illum bqajt lura fix-xoghol u ma nistax immur jien.

**Peprina:** Hux x'gost! Tghidx kemm niehu gost immur ghand in-Nanna wahdi. Il-moghdija ta' gol-bosk tassew toghgobni.

**Omm:** Imma ara oqghod attenta tafx! Xi gimgha ilu qalu li raw Lupu kbir jitlajja n-naha tal-moghdija. Jekk tarah ara ma tiqafx tkellmu ghax mistaghgbin kemm hu brikkun. Ghaddas rasek u ibqa' sejra ghal xoghlok.

Tidhol SMINA ghall-gharrieda.

**Smina:** Thabblu raskom xejn... immur maghha jien!

**Omm:** Int xi trid tmur taghmel... dejjem hsiebek biex tiekol u torqod.

**Smina:** Eh iva? Insejt kemm qbadtilkom wirdien u grieden mill-kantina?

**Peprina:** Halliha tigi mieghi, Ma. Xejn, xejn ikolli kumpanija.

**Smina:** U jekk niltaqghu mal-Lupu nahtfu minn denbu u nfajru mas-seba' sema kif naghmel lill-grieden.

**KANZUNETTA-1 "SMINA, SMINA MUR HALLINA**
(Glory, Glory Allelujah)

**Smina:**
Jiena kuraggjuza w kulhadd jaf kemm jien "alright"
Dejjem kont qalbiena w mill-periklu qatt ma bzajt;
Kemm jitwerwru minni l-grieden kollha u l-firien,
L-ghasafar u l-wirdien!

**Omm/ Peprina:**
Smina, Smina, mur hallina,
Mintix sejra tidhak bina,
B'dal-kliem kollu gost taghtina,
Kemm taf tghid kliem tac-cajt!

**Smina:**
Bl-avventuri tieghi tista' tikteb l-isbah ktieb,
Meta kont daqs tikka ga kont nigri wara l-klieb;
It-tigieg u l-papri jghosfru kollha minn gol-gnien
Hekk kif kont nersaq jien!

**Omm/ Peprina:** Smina, Smina, mur hallina...

**Smina:**
Ghad naghtikom prova ta' dan kollu f'qasir zmien,
U malajr issiru tafu sew xi nsarraf jien;
Ghad il-grajjiet tieghi tisimghuhom, b'seba' ghajnejn
Fuq Radju-Malta-Tnejn!

**Omm/ Peprina:** Smina, Smina, mur hallina...

----------------

**Smina:** Tassew li maghkom miniex apprezzata. Imxi Peprina... u jekk niltaqghu mal-Lupu tkun taf Smina min hi. Gib, gib ha nzommlok il-qoffa. (minn taht... lill-udjenza)... xi tfuh it-torta... issa jsiru jafu x'taf taghmel Smina !

**Peprina:** Nahseb li dik il-qoffa ahjar inzommha jien.
(Tohodhielha)

Omm tidhol min-naha;
Smina u Peprina jidhlu min-naha ohra.

----------------------------------------------------------------------------------------------------

**IT-TIENI ATT - Il-Bosk**

Tpespis ta' ghasafar.

**Peprina:** Dan il-bosk tassew joghgobni! Smina, Smina, ara kemm hawn fjuri sbieh!

**Smina:** (thares 'il fuq) Qed ninnota li anki gasafar sbieh hawn. Imma hej... qeghdin fil-gholi wisq!

**Peprina:** U ajma Smin, hallik ftit mill-ghasafar! Imma kif dejjem mohhok fihom?

**Smina:** Le, skuzi... mhux **jien** mohhi fihom, imma **huma** mohhhom fija.
Dejjem hsiebhom biex jinkuni. Jigu jtiru taht imniehri u erhilhom ighiduli: "Ara...ghandekx hila ttir bhalna!" Tassew keshin... bhal dak li qallu, trid xi gherf biex ittir...!

**Peprina:** Imma... ejja nghiduha bejnietna.. ghandhom bicca ragun... ghax la inti u lanqas jien ma nafu ntiru!

**Smina:** Issa prosit ghalik kemm taf tirraguna! Anzi inti tmur l-iskola ta' Haz-Zabbar, u jmissek taf aktar minn hekk. Li kieku jiena u inti konna ghasafar konna nkunu nafu ntiru bhalahom. Ma qed jaghmlu l-ebda bravura billi jafu jtiru...

**<u>Peprina:</u>** Minn daqshekk ghandek ragun...

**<u>Smina:</u>** Tkun tassew haga specjali kieku tara hmar itir. Imma li tara ghasafar itir ma fihiex biex tiskanta.

**<u>Peprina:</u>** Kos qed inghid... meta trid taf thaddem mohhok int.

**<u>Smina:</u>** <u>(Lill-udjenza)</u> Mela halli nhaddem mohhi ftit iehor. Taf x'kont qad inghid, ghaziza Peprina? Int ghax ma tmurx taqta' ftit fjuri biex tohodhom lin-Nanna u jien noqghod ghassa hawnhekk u nohodlok hsieb il-qoffa?

**<u>Peprina:</u>** Le... ahjar le. Il-fjuri m'ghandniex naqtghuhom...

**<u>Smina:</u>** U ghala le?! Tiehu gost tant in-Nanna jekk tohdilha bukkett!

**<u>Peprina:</u>** Imma dawn il-fjuri huma ta' kulhadd... u mhux sew naqtaghhom ghalija biex ingawdihom jien biss u jinxfu wara ftit. Jekk inhalluhom fejn huma, jkun jista' jgawdihom kulhadd u jdumu aktar friski u sbieh.

**<u>Fjura-1:</u>** Grazzi Peprina... kemm inti qalbek tajba.

**<u>Fjuri-2:</u>** Kemm inti tifla bil-ghaqal!

**<u>Fjuri-3:</u>** Kemm taf kif iggib ruhek mal-holqien!

**<u>Fjuri-4:</u>** Kemm inti tifla helwa!

**<u>Smina:</u>** U lili hadd ma jghidli xejn... qisni ma nezistix?

**<u>Fjura-1:</u>** Inti min inti?

**<u>Peprina:</u>** Din Smina, il-qattusa tieghi. Tihdux ghaliha li qaltli biex naqta' minnkom... ma kinitx taf li mhux sewwa noqoghdu naqtghu l-fjuri!

**<u>Smina:</u>** Tibzax, tibzax... oqghod pacpac maghhom kemm joghgbok. Gib ha nzommlok dik il-qoffa.

<u>(Peprina ma taghtix kasha; u tibqa' zzomm il-qoffa soda f'idha)</u>

**<u>Fjura-2:</u>** Hafna tfal xejn mhuma bhalek...

**Fjura-3:** Jigu fil-bosk u tghidx kemm jaqtghu minna...

**Fjura-4:** Johduna d-dar maghhom u jpogguna go ftit ilma...

**Fjura-1:** U ahna malajr naghmlu f'qalbna u l-ghada mmutu!

**Jidhol iz-Zunzan**

**Zunzan:** Smajniekom titkellmu. Brava Peprina... meta t-tfal jaqtghu l-fjuri, anki ahna z-znazan inbatu; ghax ahna m'ahna xejn minghajr il-fjuri. Hux tassew?

**Fjura-2:** Iva... iz-znazan u n-nahal kollha hbieb taghna.

**KANZUNETTA - 2 "L-GHANJA TAL-FJURI"**
(Tulips from Amsterdam)

**Fjuri:**
Gewwa bosk jew gnien - qalb il-widien,
Fjuri ma' kullimkien;
Kemm tkun vojta l-art - fil-ksieh u l-bard,
Minghajr il-gmiel tal-ward;
Dejjem zgur se ssib - xi ward fil-qrib,
Li kull stagun igib:
Frizi w gizi
Sardinella,
Margerita,
Kampanella,
Fjuri sbieh issib f'kull zmien
Isbah minna zgur m'hawn imkien!

**Zunzan:**
U fi zmien bhal dan - arah ferhan
Jersaq 'l hawn xi zunzan;
Jibda jdur u jdur - minn fjur ghal fjur...
Qalbu bil-ferh se tfur!
Kull insett jaf sew - kemm dawn... tassew
Aktar mid-deheb jiswew:

**Fjuri:** Frizi w gizi,
Sardinella...ecc

------------------------------

**Zunzan:** (Thares lejn Smina) Din min hi?

**Smina:** (Thossha offiza) X'wahda din kemm ghadkom lura! Qiskom qatt ma rajtu xejn. Jiena qattusa... ara ghandi denbi, widnejja, ghajnejja, idejja, saqajja.... u ghandi zaqqi wkoll. (lil Peprina) Inti se ttihieli nzommhielek dik l-imgharrqa qoffa, jew?

**TIDHOL IZ-ZUNZANA**

**Zunzana:** X'wahda din... gej il-Lupu!!

**Kulhadd:** (Kliem li jinghad minn karattri differenti kollu f'salt:)
X'wahda din! Il-Lupu! Il-Lupu! X'bicca gralna! Ajjut! Ajjut! (...ecc...)

(Il-Fjuri jaghlqu l-weraq taghhom. Iz-Znazan jistahbaw wara l-fjuri. Peprina tidher mifxula)

**Smina:** Ghalfejn dan l-ghageb kollu.... qiskom qatt ma rajtu xejn! Halluh jigi kemm irid il-Lupu... issa niehu hsiebu jien! Mela nsejtu li jien il-famuza Smina, li la nibza' mill-grieden, la mill-ghasafar, la mill-wirdien, la miz-znazan, la min-nahal, la mill-klieb u lanqas minn xi Lupu zgamat....

(Waqt li SMINA tkun f'nofs din it-tahdita jidhol il-LUPU u jieqaf hdejn SMINA bla ma hi tintebah bih)

**LUPU:** Bonswa Sinjorina Smina.

**SMINA:** (tinhasad) Ajma x'qatgha tajtni! Int min int?

**LUPU:** Jien? Eh... tassew hux... jien min jien? Eh... jien... ha nara ftit tafx! Nahseb li jien (imur b'fommu ma widnet Smina u jghidilha minn taht l-ilsien:) il-Luuuupuuuu!

**Smina:** Il-LUPU!!! (tersaq tigri tistahba wara Peprina; u kollha mbezzgha tibda tghidilha minn taht l-ilsien:)
M-m-mela l-Lu-lu-pu jkun k-k-kbir daqshekk?

**Peprina:** Hekk nahseb!

**Smina:** Jien hsibtu jkun daqs gurdien!

**Peprina:** Donnu hu ftit akbar, hux?

## <u>KANZUNETTA- 3 "JIENA L-ISBAH LUPU"</u>

(If I Were a Rich Man)

**<u>Lupu:</u>** Jiena l-isbah Lupu - jabi-dabi-dabi-dibi...ecc
Gewwa l-boski niggerra ta' kull hin
Sabiex nghin lill-imsejknin... oh!
Jiena l-isbah Lupu - jabi-dabi-dabi-dibi...ecc
Jekk tinsab f'xi ghawg jew f'xi tigrib,
Lili ghall-ghajnuna zgur isib!

**<u>Fjuri / Znazan:</u>** Le...mhux... tassew
Int halliel prim,
Ma nafdawkx,
Ghax nafu l'int makkak mill-kbar,
Dejjem tqarraq u tidhak bit-tfal iz-zghar,
Ippruvajt tiekol
Lit-tlitt iqzieqez
Li bnew id-dar tat-tiben u taz-zkuk,
Imma f'borma taghli dawn xehtuk!

**<u>Lupu:</u>** Jien l-isbah Lupu - jabi-dabi-dabi....ecc
Kulhadd jghid kemm jiena generuz,
Anki lest li naghti l-flus... oh;
Jiena l-isbah Lupu - jabi-dabi-dabi.....ecc
Ejjew halli niehu hsiebkom jien,
Aqwa minni zgur ma ssibu mkien!

**<u>Fjuri / Znazan:</u>** Le... mhux... tassew ... Int halliel prim... ecc

**<u>Lupu:</u>** Jien l-isbah Lupu.. jabi-dabi... ecc (<u>Fade.....</u>)

----------------------------

**Zunzan:** Tkellmuhx... taghtuhx kunfidenza. Ibqghu sejrin ghal xogholkom.

**Lupu:** (liz-znazan minn taht l-ilsien:) Isktu intom, ghax innittfilkom gwenhajkom. (lil Smina u 'l Peprina) Ersqu... ersqu lil hawn... x'intom issefsfu f'widnejn xulxin?

**Peprina:** Xejn, xejn Sur Lupu.... se jkollna nhalluk ghax mghagglin. Bonswa...

**Smina:** Addio...

**Zunzana:** Hekk, bravi, bravi... fittxu itilqu:

**Lupu:** (Liz-znazan) Intom se taghlqu halqkom... jew? (Jersaq izomm lil Peprina u 'l Smina) Stennew... stennew... din l-ghagla kollha ghalfejn. (ihares lejn il-qoffa) Oh.. miskina, kemm ghandha qoffa tqila... gib halli nzommhielek ftit jiena....

**Smina:** (lil-Lupu) Hekk ghidtilha jien ukoll... imma rasha iebsa wisq.

**Peprina:** (Lil-Lupu) Grazzi hafna, rajtha qalbek... imma m'hemmx ghalfejn. Sahha ghax mghagglin.

**Smina:** Addio u good-night...

**Lupu:** U fejn sejrin din l-ghagla kollha?

**Smina:** Ghax, Sur Lupu, in-Nanna ma tiflahx u sejrin naghtuha tiekol... ghax .... bejnietna... tghidx kemm hi zaqqieqa...hobz, gamm, kejk, torta, halib... jghidu li x-xjuh ma tantx ihobbu jghabbu l- istonku....

**Peprina:** Imxi Smina, ghax qed isir il-hin...

**Lupu:** (dejjem izommhom) U fejn toqghod din l-imsejkna Nanna?

**Zunzan:** Tghidlux... tafdahx....

**Lupu:** (liz-znazan) Issa se ttellfuli sabri tafx...

**Smina:** (liz-znazan) Tassew tafux... ghandu ragun is-Sur Lupu, kemm intom fitti. Mintomx tarawh li qed jitkellem mieghi?

**Lupu:** Qed nara li inti qattusa intelligenti!

**Smina:** Ghall-anqas hawn xi hadd li japprezzani! (lil Peprina) Af li dan il-Lupu tassew minn taghna, tafx... rajtx kif ma nibzax minnu!

**Peprina:** (minn taht, lil Smina:) Hallik mit-tpacpic... u imxi nfittxu nitilqu...

**Smina:** U stenna ftit int... (lil-lupu, bil-hlewwa) Allura x'konnna qed nghidu?

**Lupu:** Kont se tghidli fejn toqghod l-imsejkna Nanna.

**Smina:** Iva, mela x'inhu. Ghax dik toqghod fit-tarf tal-bosk, f'dik id-dwejra bit-twieqi ta' l-aluminju. Id-dar jisimha "Debba"...

**Lupu:** Debba???!

**Smina:** Iva, ghax in-Nanna jisimha Deborah u n-Nannu kien jismu Baskal:...DEB-BA. Postal-Code... ZBR-04

**Peprina:** (lil Smina) Jekk se tibqa' tpacpac hawn... se nitlaq u nhallik wahdek.

**Smina:** Se jkolli mmur Sur Lupu... (minn taht... b'refernza ghal Peprina) aktar ma tikber aktar qed issir bla sabar. Il-lejl it-tajjeb!

**Lupu:** Sahha... nahseb ma ndumux ma nergghu niltaqghu....

**Smina:** Caw caw... u kun imbierek...! (lil Peprina) Kellkom bzonn titghallmu ftit tkunu gentili u edukata bhalu. Kemm hu simpatku!

**SMINA U PEPRINA jidhlu min-naha, waqt li l-LUPU jidhol min-naha l-ohra. IZ-ZNAZAN johorgu minn wara l-fjuri.**

**Zunzan:** X'wahda din... dak il-Lupu zgur se jaghmel xi wahda minn tieghu!

**Zunzana:** Imsejkna Peprina... dik miskina ma tafx kemm hu makakk!

**Fjura-1:** Morru ghinuha....

**Fjura-2:** Iva, iva... ahjar tmorru taraw x'se jigri.

**Fjuri-3:** Forsi tigi bzonnkom!

**Zunzana:** Imxi... tlaqna!

**ZNAZAN JITILQU**

**----------------------------------------------------------------**

**IT-TIELET ATT:**

**Id-Dar tan-Nanna**

Il-LUPU qed jilbes l-ilbies tan-Nanna: skufja go rasu, dressing-gown, nuccali..ecc...

**LUPU:** Ha, ha, ha... Dalwaqt tasal Peprina... jaqbilli nhaffef u nfittex nidhol gos-sodda! Eh... nahseb go qalbkom qed tghidu... "In-Nanna x'sar minnha?" Tafu fejn qieghda bhal issa? Hemm (juri 'l gewwa) imsakkra fil-kcina. Malli ratni quddiemha tant bezghet li dahlet hemm gew tistahba; jiena, hekk kif rajtha fil-kcina..."clikk" qfiltilha l-bieba bic-cavetta.

(Ikompli jilbes u minn taht l-ilsien ikanta: "Jiena l-isbah Lupu...IHABBAT IL-BIEB)

Hawn hi waslet!

(Jidhol jigri gos-sodda)

Ghaddi... ruhi... ghaddi....

**Jidhlu PEPRINA u SMINA**

**Peprina:** Kif inti Nann... gibnielek l-ikel?

**Smina:** Jekk forsi ma tkunx trid tieklu kollu.....

**Lupu:** Mhux hazin binti... mhux hazin... grazzi hafna!

**Peprina:** Hi...Nann...Kemm tidher maghdura x'wahda din!

**KANZUNETTA - 4 "BRONKITE PULMONITE"**

All I want is a room somewhere - minn "My Fair Lady")

**Peprina:** Ma nafx, Nanna, kif qed narak,
Ghidli ftit dana f'daqqa x'tak;
Ghax anki lehnek fgat...
**Lupu:** Bilfors... il-mard ikkomplikat!

**Peprina:** Ghajnejk donnhom ftit minfuhin,
Anki jdejk qed narahom nixfin,
Le ma nafx x'marda din...
**Lupu:** Bilfors... id-deni kiefer, xbin.
Hadt... rih...
Deni, Bronkite, Polmonite,
Oh x'ugigh!
Hrigt il-Hosba minnufih...
U anki l-Gidri r-Rih!

**Smina:** Nahseb jaqbel ma nghabbuhiex,
Ikel goff gid ma jaghmlilhiex
Dan kollu ma ntuhiex;
**Peprina:** Tassew... ahjar ma nzidulhiex!

**Smina/ Peprina:** Nanna, msejkna la tmur imkien,
Ibqa' mgeddsa mqar tlitt ijiem;
Isma' x'qed nghgidlek jien...
**Lupu:** Bilfors... inhossni wisq ghajjien!
Hadt... rih..
Deni, Bronkite..ecc..
Ibqghu mieghi, la thallunix,
Sahha f'gismi ma fadallix;
Bil-guh la thallunix...
**Peprina/ Smina:** Tibzax... ibq'hemm tikkonfondix
Tibzax... ibq'hemm tikkonfondix!

----------------------------

**Lupu:** Ajma... jahasra.... x'guh ghandi fuqi.

**Peprina:** Imma Nann... dawk ghajnejk kemm huma kbar!

**Lupu:** Biex inkun nista' narak sewwa, binti!

**Peprina:** U mniehrek, Nann... kemm hu goff!

**Lupu:** Biex inkun nista' nxommok sewwa, binti!

**Peprina:** U widnejk kemm huma twal!

**Smina:** Heqq... biex tkun tista' tisimghek sewwa....

**Peprina:** U halqek... kemm hu kbir!

**IL-LUPU jtajjar il-friex u jwerzaq b'dahka kiefra:**

**Lupu:** Biex inkun nista' nieklok... lilek... u lil dik il-qattusa smina, smina.... u dik il-qoffa b'kull ma fiha!

**Fil-pront jidhlu z-ZNAZAN! - SMINA tahtaf il-qofffa u tidhol 'il gewwa biha, baxx baxx.**

**Zunzan:** (Lil-LUPU) Ieqaf fejn inti ghax jekk taghti pass iehor hazin ghalik!

**Zunzana:** Naghtuk ix-xewka u ddum jumejn b'imniehrek daqs tadama.

**Lupu:** Tahsbu li jien se nibza' minn zewg insetti daqs tikka bhalkom??

**Tidhol in-NANNA b'tagen f'idha. Tidhol min-naha ta' wara l-LUPU u twahhallu daqqa ta' tagen fuq rasu!**

**Nanna:** Hudha mela... ha tkun taf jien xi nsarraf!

**Lupu:** Ajma rasi! (jaqa' ma' l-art stordut)

**Peprina:** Nanna... Nann... (tigri tghannaqha)

**Nanna:** Sakkarni fil-kcina, imma rnexxieli nohrog mit-tieqa. Mgharraq li hu... jien dhalt fil-kcina biex ingib l-ixkupa u naghtih daqqtejn fuq rasu... imma kien pront qafilni hemm gew.

**Peprina:** Kif int Nann...?

**Nanna:** Issa nhossni tajba hafna. Il-battikata li tani dak il-hali ta' Lupu ghamlitli l-gid.

(Il-LUPU jistejqer)

**Lupu:** Ajma rasi... x'gara?

**Nanna:** Inqieghdek jien! (Taqhtfu minn widintu) Trid nilghablek xi daqqtejn ohra??

**Lupu:** (Gharkobbtejh) Le jahasra... ahfruli... ma nergax.

**Peprina:** (lill-Udjenza) Intom xi tghidu? Nahfrulu?

**Zunzan:** Imma jrid iweghedna li jibdel hajtu...

**Zunzana:** U jhalli lil kulhadd bi kwietu.

**Nanna:** Tweghedna dan kollu?

**Lupu:** Iva... basta tnehhi dak it-tagen minn idek.

**Nanna:** Twieghed li ma tittantax aktar tfal?

**Lupu:** Iva... iva...

**Peprina:** U ma tgerrixx l-ghasafar?

**Znazan:** U znazan...?

**Peprina:** U fjuri?

**Lupu:** Iva... iva.. nwieghed....

**Nanna:** Kollox sew mela... (titilqu)

**KANZUNETTA - 5 "KEMM JAQBEL LI TKUN..."**

("Consider Youself" mill-film: "Oliver")

**Kulhadd:** (minbarra l-Lupu)

Kemm jaqbel li tkun - sincier
Ma thabbat lil hadd,
Hbieb dejjem ma' kulhadd,
B'hekk mohhok ikun - mistrieh,
Kuljum - tkun
Thossok tassew ferrieh;
Kull meta nistudjaw

U nosservaw
U ninnotaw kull m'haw'
Minnufih naraw
X'gid haw'....

**Lupu:** Meta ma tqarraq b'hadd
Ma tidhak b'hadd
Ma tkidd lil hadd....
Ma tiddejjaq qatt...
Qatt, qatt.....

**Tieqaf hesrem il-kanzunetta. Tidhol SMINA... bil-qoffa vojta u zaqqha kbira.**

**Smina:** Ajma... x'ugigh ta' zaqq ghandi!

**Peprina:** Smina... hemm x'ghamilt? Fejn hu l-ikel tal-qoffa?

(B'wicc imqarras SMINA tipponta sebaghha lejn zaqqha)

**Kulhadd:** Kiltu kollu?

**Smina:** Mhux jien kiltu.... hu ried jigi ghandi!
Ajma zaqqi!

(Tidhol gos-sodda. Il-kanzunetta tissokta:)

**Kulhadd - minbarra Smina:**

Kemm jaqbel ma tkunx - zaqqieq
U tiekol bil-qies
Kif ghandhom jaghmlu n-nies;
L-istonku jkun zgur - mistrieh
Kuljum - tkun
Thossok tassew - ferrieh;
Kull meta nistudjaw
U nosservaw
U ninnotaw kull m'haw'
Minnufih naraw
X'gid haw'....
Meta ma tqarraq b'hadd
Ma tidhak b'hadd
Ma tkidd lil hadd;
Ma tiddejjaq qatt

Qatt, qatt.....
Kemm jaqbel li tkun - ferrieh,
U Mohhok ikun - mistrieh,
Ghax jaghddi z-zmien
U int u jien
It-tnejn flimkien;
Niftakru f'dal-jiem...
Tant sbieh!

-------------------------

**Smina:** (Minn gos-sodda:)
Huduni l-Polyclinic!

============ **S E P A R J U** ==============

**XI SUGGERIMENTI:**

1. Il-Lupu jista' jkun liebes glekk iswed, xi nofs tomna f' rasu u jista' jgorr zokk fuq spalltu b'sorra marbuta mieghu.

2. Il-qattusa (SMINA) ghandha l-parti "komika", u ghalhekk jehtieg li tinhadem minn tifla fuq ruhha li "tinqala'" gmielha. Minbarra l-kostum ta' qattusa ( idealment ikun tal-fer bil-widnejn u d-denb ...ecc) Smina jaqbel li tkun liebsa wkoll xi ftit ta' l-ilbies; ez: xi fardal jew bonnet.

3. Ghall-kanzunetti "**If I were a Rich Man**" mill-musical "Fiddler on the Roof"; "**All I Want is a Room Somewhere**" minn "My Fair Lady" u "**Consider Yourself**" minn "Oliver"... nissuggerixxi li wiehed jiddobba l-longplays taghhom u jismaghhom ftit biex jiehu r-ritmu u l-burdata tal-muzika.